26 ta' Marzu, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

George Bartolo *versus* Alexander Victor Baldacchino

## Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Awtorizzazzjoni.

*Min ikun għamel atti eżekuttivi biex jeżegwixxi sentenza li għandu favur tiegħu jista' jagħmel kawża oħra biex jiġi awtorizzat jeżegwixxi dik is-sentenza, għax ikunu għaddew aktar minn tliet snin minn meta dik is-sentenza setgħet tiġi eżegwita; u ma tkunx intempestiva l-azzjoni tiegħu billi l-atti eżekuttivi minnu intentati jkunu jinsabu sospiżi in pendenza ta' proċedura li tkun saret għar-revoka tagħhom. Ikun x'ikun l-eżitu ta' dik il-proċedura, jibqa' dejjem veru li minħabba d-dekorrenza tat-tliet snin l-azzjoni tiegħu hija meħtieġa biex it-titolu tiegħu jkun eżegwibbli. U anki jekk ir-revoka tiġi akkolta, hu għandu dejjem interess illi t-titolu tiegħu jkun eżegwibbli sabiex ikun jista' jeżegwieħ fuq sustanzi oħra tad-debitur u bil-modi kollha rikonoxxuti mill-liġi.*

*Lanqas jista' jingħad li dik l-azzjoni hija inutili; għax avvolja hemm pendenti l-proċedura għar-revoka tal-atti eżekuttivi ġa intentati, il-kreditur għandu interess li jesperixxi kull dritt li għandu sabiex ikunu eżegwibbli t-titolu, u eventwalment jitħallas.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenut, b'sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fis-16 ta' Ottubru, 1948, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, ġie kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £50, oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza, u bl-ispejjeż kontra l-konvent; u billi b'sentenza oħra ta' dina l-Qorti ta' l-14 ta' Novembru 1951 fl-istess ismijiet, l-attur ġie awtorizzat jeżegwixxi l-imsemmija sentenza biex ikun jista' jottjeni l-pagament ta' £50 sorte u l-imgħax legali mid-data tas-sentenza, oltre l-ispejjeż; u billi għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija; talab li l-attur ikun awtorizzat jeżegwixxi l-imsemmija sen-

tenza għas-somma komplessiva ta' £155. 8. 2., in kwantu għal £50 sorte, kwantu għal £89. 18. 2 spejjeż skond taxxa hawn annessa (dok. A), u kwantu għal £15. 10. 0 imgħax tal-5% fis-sena mis-16 ta' Ottubru 1948 sal-lum; bl-imgħax ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi ċ-ċitazzjoni hi intempestiva, għaliex hemm pendenti kawża oħra bejn mart l-eċċipjent u l-konvenut u l-attur; u subordinatament illi ċ-ċitazzjoni hija inutili, għaliex l-attur ġa eżegwixxa s-sentenza, u l-atti tas-subasta jinsabu sospiżi sakemm tispiċċa l-kawża l-oħra pendenti quddiem dina l-Qorti;

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar, 1955, mnejn jidher illi d-difensuri jaqblu illi l-kawża l-oħra fuq imsemmija, fl-ismijiet "Giuseppina Baldacchino vs. George Bartolo et.", għandha bħala oġġett ir-revoka tal-mandat ta' l-attur fuq l-oġġetti proprjetà ta' l-imsemmija Giuseppina Baldacchino;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita intempestività ta' l-azzjoni;

Illi mhux kontestat illi fil-kawża l-oħra qegħdha tintalab ir-revoka ta' l-eżekuzzjoni ta' mandat ottenut mill-attur biex jitħallas mill-kreditu tiegħu. Il-fatt illi l-atti relattivi tas-subasta jinsabu sospiżi in pendenza tal-proċedura tar-revoka ma jirrendix intempestiva l-azzjoni odjerna; għaliex, ikun x'ikun l-eżitu ta' dik il-kawża, jibqa' dejjem veru illi mid-data tas-sentenza li kkanonizzat il-kreditu ta' l-attur għaddew aktar minn tliet snin, u għalhekk, biex dak it-titolu jkun eżegwibbli, hija meħtieġa l-proċedura odjerna. Jekk anki l-imsemmija revoka tkun akkolta, l-attur għandu dejjem interess illi t-titolu tiegħu jkun eżegwibbli, sabiex ikun jista' jeżegwieħ fuq sustanzi oħra tad-debitur u bil-modi l-oħra kollha rikonoxxuti mill-liġi;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita inutilità ta' l-azzjoni;

Illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza, kif jippretendi l-konvenut, ma tikkonsistix sempliċement fl-atti eżekuttivi, imma fl-adempiment ta' l-obligazzjoni kanonizzata f'dik is-sentenza. Issa, il-konvenut jirrikonoxxi illi l-mandat ottenut mill-attur ġie fl-effetti tiegħu sospiż in pendenza ta' l-imsemmija kawża tar-revoka, u konsegwentement l-attur għad għandu

l-instanti għar-rata ta' £1 fil-ġimgħa stabbilita b'sentenza ta' dina l-Qorti fl-ismijiet ta' hawn fuq *invertiti* tal-11 ta' Frar 1949; u billi l-ispedizzjoni ta' dawn il-mandati hija inġusta u illegali, għaliex l-instanti qatt ma pprova jsiefer u l-anqas għandu dina l-intenzjoni, u l-konvenuta nomine ma hix kreditriċi ta' ebda rata skond is-sentenza ta' dina l-Qorti ġa fuq ċitata, peress illi l-instanti dejjem kien *metikolożament puntwali fil-pagament; talab illi jiġi dikjarat u* deċiż li l-imsemmija mandati ġew illegalment ottenuti, u konsegwentement dawn għandhom jiġu revokati. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha *opponiet, in linea preliminari,* illi hija mhix persuna leġittima; għaliex, kif dejjem ġie ritenut, l-uffiċċju tal-kuratur "ad litem" jispiċċa mas-sentenza definittiva, u l-mandat tiegħu ma jestendix ruħu għal kawża oħra, bħal dik odjerna, avvolja tinteressa l-istess persuna rappreżentata; illi, fil-meritu, *it-talba hija insostenibbli,* għaliex l-attur huwa debitur lejn l-eċċipjenti f'ammont superjuri għal £20;

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Diċembru 1954 (fol. 57), mnejn jidher illi l-kontendenti llimitaw, għal issa, il-kontestazzjoni għall-preġudizzjali ta' l-illeġittimità tal-persuna;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita illeġittimità tal-persuna;

Illi huwa prinċipju kostanti fil-ġurisprudenza tagħna illi l-uffiċċju tal-kuratur "ad litem" jispiċċa mas-sentenza u meta jkun eżawrit il-proċediment eżekuttiv ta' dik is-sentenza; b'mod illi r-rappreżentanza fil-kuratur tibqa' anki għall-fini u in konnessjoni ta' dawk l-atti eżekuttivi; konsegwentement il-kuratur li għandu dina r-rappreżentanza ma hemmx raġuni għaliex ma għandux ikompli fiha meta si tratta ta' annullament jew revoka ta' atti li bihom tkun ġiet eżegwita l-istess sentenza (ara f'dan is-sens Kollez. X, 171 u 172; XXI-I-261; XXVI-III-667);

Illi fid-dawl ta' dan il-prinċipju, l-eċċezzjoni tal-konvenuta tirriżulta inġustifikata. Difatti mhux kontestat illi hija kienet il-kuratriċi "ad litem" tal-minuri binha Francesco fil-kawża tal-filjazzjoni deċiża minn dina l-Qorti fil-11 ta' Frar 1949, u illi b'eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza hija

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru, 1952, *fejn hemm miġjuba t-talba ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u li biha, fuq eċċezzjoni analoga tal-konvenuta fis-sens li l-kunsens tagħha fl-iskrittura msemmija fiċ-ċitazzjoni kien ġie meħud bi vjolenza, u għalhekk l-istess skrittura hi nulla, ġiet ordnata s-soprassessjoni f'din il-kawża u ġie mogħti lill-konvenuta ż-żmien ta' ħmistax il-ġurnata biex biħ, jekk kien jidhrilha, tiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni relattiva għall-invalidità minnha pretiża ta' l-imsemmija skrittura, u l-kawża ġiet imħollija "sine die", *riapuntabbli b'rikors ta' l-interessati,* jew wara li jkun għadda inutilment it-terminu kif ġie prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li setgħet tiġi proposta; l-ispejjeż ġew riżervati;

Rat id-digriet tad-9 ta' Jannar, 1953, li bih, fuq talba ta' l-attur, il-kawża ġiet riappuntata billi l-konvenuta naqset illi tiddeduċi fit-terminu ġa msemmi l-azzjoni fuq indikata;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

**Illi ma** hemmx kuntrast bejn il-kontendenti illi huma kienu għal diversi snin jinsabu fi stat ta' konkubinat. Il-konvenuta ma tiċħadx illi l-attur taha, u hija rċeviet minn għandu, il-flus imsemmija fiċ-ċitazzjoni; imma tallega illi dawk il-flus l-attur tahomlha waqt dak il-konkubinat u minħabba l-istess konkubinat, u għalhekk teċċepixxi l-illiċeità tal-kawża ta' l-iskrittura msemmija fiċ-ċitazzjoni, in bażi, kif jidher, ta' dak li ġie deċiż minn dawn il-Qrati, fis-sens li dak li jingħata bħala kumpens ta' favuri illeċiti jew bi speranza tal-kontinwazzjoni tagħhom, ma jistax jiġi reklamat (P.A. 28.2.1893 "Needham vs Darmanin", Vol. XIII, 570; App. Inf. 11-10-1916 "Sacco vs. Slowe", Vol. XXIII-I-236); billi, jekk il-kawża tal-ħlas ta' flus jew oġġetti jkollha rapporti diretti mal-konkubinat, l-obligazzjoni hi nulla, għaliex ikollha kawża illeċita (Kumm. 18.6.1935 "Borg vs. Portelli", Vol. XXIX-III-152). Minn naħa tiegħu, l-attur jippretendi illi dawk il-flus huwa tahom lill-konvenuta wara illi kienu spiċċaw ir-rapporti ta' dak il-konkubinat, u illi

l-kawża li għaliha taha dawk il-flus ma kellha x'taqsam xejn ma' l-istess konkubinat;

Illi f'kawżi simili mhux tant ta' importanza ż-żmien meta jkunu ġew mogħtija l-flus, jiġifieri naturalment meta jkunu ġew mogħtija fiż-żmien tal-konkubinat, billi, kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ġunju, 1931, fil-kawża "Muscat vs. Farrugia", "l'obligazione che segue tra uomo e donna nell'epoca quando intercedono tra loro relazioni illecite non è necessariamente fondata su causa illecita" (Vol. XXVIII-I-1). Dak li hu importanti huwa jekk il-kawża tal-għoti tal-flus jew ta' l-oġġetti, ikunu meta jkunu mogħtija, ikollhiex jew le rapport dirett mal-konkubinat, jew aħjar jekk il-konkubinat kienx il-kawża ta' l-bologazzjoni jew kienx merament l-okkażjoni. Fl-ewwel każ l-obligazzjoni hi nulla bħala illeċita; fil-każ l-ieħor hi leċita (App. 15.5.1931 "Smith vs. Lawrence"; 27.3.1933 "Reman vs. Papa"; 14.12.1934 "Portanier vs. Overend"). Fi kliem ieħor, kif iddeċediet il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fuq ċitata tat-18 ta' Ġunju, 1935, jekk il-flus ikunu ġew mislufa bħala negozju indipendenti, avvolja fi żmien il-konkubinat, in-negozju hu validu. U kif ġie wkoll deċiż f'din l-aħħar sentenza, hija kwistjoni ta' fatt, li għandha tiġi eżaminata mill-ġudikant f'kull każ speċifiku skond iċ-ċirkustanzi, jekk hemmx din il-konnessjoni tan-negozju mal-konkubinat;

Illi l-attur jippretendi illi l-£200 huwa tahom lill-konvenuta wara illi kienu spiċċaw bejniethom dawk ir-rapporti ta' konkubinat, billi l-flus ġew mogħtija f'Ottubru, 1949, u dawk ir-rapporti spiċċaw fis-sena 1947 (fol. 85); għall-kuntrariu, il-konvenuta tallega illi l-attur sa Jannar, 1952, kien għadu jmur id-dar tagħha (fol. 49). F'dan ir-rigward, għal-hekk, il-provi huma konfliġġenti;

Illi, però, iċ-ċirkustanzi tal-każ meħuda flimkien juru illi, anki jekk il-flus ġew mogħtija fiż-żmien li fih kien għadu jeżisti bejn il-kontendenti dak l-istat ta' konkubinat, l-istess flus ma ġewx mogħtija lill-konvenuta minħabba dak l-istat ta' bejniethom, imma bħala self, kif jidher mill-iskrittura relattiva. Infatti (1) ġie biżżejjed pruvat...... Għalhekk ma hux verosimili illi l-attur kellu għalfejn jeżiġi dik l-iskrittura għal dawk il-£200, jekk l-istess huwa ma kienx f'dik l-

okkażjoni tahomlha b'self. *Din iċ-ċirkustanza tidher aktar ċara* ......;

*Omissis;*

Illi b'dan il-mod it-talba ta' l-attur kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għall-istess talba; bl-ispejjeż, kompriżi dawk li ġew riżervati, kontra l-konvenuta.